

Brussell, 18 ta' April 2024
(OR. en)

8678/24

Fajl Interistituzzjonali:
2023/0272(COD)

CODEC 1037
ENV 399
COMER 62
MI 394
ONU 43
SAN 214
IND 205
PE 112

NOTA TA' INFORMAZZJONI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Proposta għal REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jemenda r-Regolament (UE) 2017/852 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Mejju 2017 dwar il-merkurju fir-rigward tal-amalgama dentali u prodotti oħra miżjudin bil-merkurju soġġetti għal restrizzjonijiet fuq il-manifattura, l-importazzjoni u l-esportazzjoni - Eżitu tal-ewwel qari tal-Parlament Ewropew (Brussell, mill-10 sal-11 ta' April 2024)

I. INTRODUEZZJONI

F'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 294 TFUE u tad-Dikjarazzjoni konġunta dwar arranġamenti prattiċi għall-proċedura ta' kodeċizzjoni¹, saru għadd ta' kuntatti informali bejn il-Kunsill, il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni bil-ħsieb li jintlaħaq ftehim dwar dan il-fajl fl-ewwel qari.

¹ ĠU C 145, 30.6.2007, p. 5.

F'dan il-kuntest, il-President tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel (ENVI), Pascal CANFIN (RE, FR), ippreżenta f'isem il-Kumitat ENVI emenda ta' kompromess (l-emenda numru 19) għall-proposta għal Regolament imsemmija hawn fuq, li għaliha Marlene MORTLER (PPE, DE) kienet ħejjiet abbozz ta' rapport. Din l-emenda kienet ġiet maqbula matul il-kuntatti informali msemmija hawn fuq. Ma tressqet ebda emenda oħra.

II. VOT

Meta vvotat fl-10 ta' April 2024, il-plenarja adottat l-emenda ta' kompromess (l-emenda numru 19) għall-proposta għal Regolament imsemmija hawn fuq. Il-proposta tal-Kummissjoni hekk emendata tikkostitwixxi l-pożizzjoni tal-Parlament fl-ewwel qari li tinsab fir-risoluzzjoni leġiżlattiva tiegħu kif tinsab fl-Anness ta' dan id-dokument².

Il-pożizzjoni tal-Parlament tirrifletti dak li kien intlaħaq qbil dwaru qabel bejn l-istituzzjonijiet. Għaldaqstant, il-Kunsill għandu jkun f'pożizzjoni li japprova l-pożizzjoni tal-Parlament*.

L-att imbagħad jiġi adottat bil-formulazzjoni li tikkorrispondi għall-pożizzjoni tal-Parlament.

² Il-verżjoni tal-pożizzjoni tal-Parlament fir-risoluzzjoni leġiżlattiva ġiet immarkata biex tindika l-bidliet li saru bl-emendi għall-proposta tal-Kummissjoni. Iż-żidiet għat-test tal-Kummissjoni huma enfasizzati b'*tipa grassa u bil-korsiv*. Is-simbolu "■" jindika test imħassar.

* L-iffommattjar tal-verżjoni MT li ntbagħtet mill-PE ma jikkorrispondix f'kollox mal-verżjoni EN.

P9_TA(2024)0191

Il-merkurju: l-amalgama dentali u prodotti oħra miżjudin bil-merkurju soġġetti għal restrizzjonijiet fuq il-manifattura, l-importazzjoni u l-esportazzjoni

Riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew tal-10 ta' April 2024 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) 2017/852 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Mejju 2017 dwar il-merkurju fir-rigward tal-amalgama dentali u prodotti oħra miżjudin bil-merkurju soġġetti għal restrizzjonijiet fuq il-manifattura, l-importazzjoni u l-esportazzjoni (COM(2023)0395 – C9-0309/2023 – 2023/0272(COD))

(Proċedura leġislattiva ordinarja: l-ewwel qari)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2023)0395),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikolu 192(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C9-0309/2023),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
 - wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Komitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tas-26 ta' Ottubru 2023¹,
 - wara li kkonsulta mal-Komitat tar-Reġjuni,
 - wara li kkunsidra l-ftehim proviżorju approvat mill-komitat responsabbli fis-sens tal-Artikolu 74(4) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu u l-impenn meħud mir-rappreżentant tal-Kunsill, permezz tal-ittra tal-21 ta' Frar 2024, li japprova l-pożizzjoni tal-Parlament, skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 59 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Komitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel (A9-0002/2024),
1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt²;
 2. Jitlob lill-Kummissjoni terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk tibdel il-proposta tagħha,

¹ ĠU C, C/2024/894, 6.2.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/C/2024/894/oj>.

² Din il-pożizzjoni tissostitwixxi l-emendi adottati fis-17 ta' Jannar 2024 (Testi adottati, P9_TA(2024)0019).

temendaha b'mod sustanzjali jew ikollha l-ħsieb li temendaha b'mod sustanzjali;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari tal-10 ta' April 2024 bil-ħsieb tal-adozzjoni tar-Regolament (UE) 2024/... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) 2017/852 dwar il-merkurju fir-rigward tal-amalgama dentali u prodotti oħra miżjudin bil-merkurju soġġetti għal restrizzjonijiet fuq l-esportazzjoni, l-importazzjoni u l-manufattura

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u, b'mod partikolari, l-Artikolu 192(1) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġislattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew¹,

Wara li kkonsultaw lill-Kumitat tar-Regġuni,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġislattiva ordinarja²,

¹ ĠU C, C/2024/894, 6.2.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/C/2024/894/oj>.

² Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tal-10 ta' April 2024.

Billi:

- (1) F'konformità mal-Artikolu 19(1) **u (2)** tar-Regolament (UE) 2017/852 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill³, il-Kummissjoni kellha tivvaluta u tirrapporta dwar il-ħtieġa li l-Unjoni tirregola l-emissjonijiet tal-merkurju u komposti tal-merkurju mill-krematorji, il-fattibbiltà tat-tneħħija gradwali tal-użu tal-amalgama dentali ***fl-Unjoni*** fit-tul, u preferibbilment sal-2030, u l-benefiċċji ambjentali u l-fattibbiltà tal-projbizzjoni tal-manifattura u l-esportazzjoni ta' prodotti oħra miżjudin bil-merkurju li huma pprojbiti milli jitqiegħdu fis-suq tal-Unjoni u jiġu importati fl-Unjoni.

³ Ir-Regolament (UE) 2017/852 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Mejju 2017 dwar il-merkurju, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1102/2008 (ĠU L 137, 24.5.2017, p. 1).

- (2) *Il-merkurju huwa sustanza kimika ta' tħassib globali għall-ambjent minħabba t-trasport atmosferiku fuq distanza twila tiegħu, il-persistenza tiegħu wara l-introduzzjoni antropoġenika tiegħu fl-ambjent u l-ħila tiegħu li jakkumula fl-ekosistemi. Il-merkurju għandu wkoll effetti negattivi sinifikanti fuq is-saħħa tal-bniedem u jgħaddi mill-ommijiet lit-tfal permezz tal-plaċenta jew permezz tat-treddigħ. It-tniġġis tal-ambjent bil-merkurju jista' jirriżulta minn attivitajiet antropoġeniċi, inkluż ġestjoni insuffiċjenti tal-iskart tal-merkurju, il-kremazzjoni jew implimentazzjoni mhux korretta tas-separaturi obbligatorji fil-kliniki dentali.*
- (3) Il-Kummissjoni, wara l-konklużjoni li waslet għaliha fir-rapport tagħha tas-17 ta' Awwissu 2020 dwar ir-rieżamijiet meħtieġa skont l-Artikolu 19(1) tar-Regolament (UE) 2017/852 dwar l-użu tal-merkurju fl-amalgama dentali u fil-prodotti ppreżentat proposta leġiżlattiva, f'konformità mal-Artikolu 19(3) ta' dak ir-Regolament, dwar it-tneħħija gradwali tal-użu tal-amalgama dentali u l-projbizzjoni tal-manifattura u l-esportazzjoni tal-amalgama dentali u ta' ċerti lampi li fihom il-merkurju.

- (4) L-użu ta' prodotti miżjudin bil-merkurju, inkluż l-użu tal-amalgama dentali u ta' lampi li fihom il-merkurju, jirrappreżenta l-akbar użu intenzjonat li fadal tal-merkurju fl-Unjoni. Madankollu, l-alternattivi ħielsa mill-merkurju saru ekonomikament u teknikament fattibbli u huma disponibbli faċilment.
- (5) ***Filwaqt li jitqies li l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha rratifikaw il-Konvenzjoni ta' Minamata dwar il-Merkurju⁴ tal-2013 ("il-Konvenzjoni") u minħabba li jenħtieġ li jittieħdu miżuri mill-Partijiet għall-Konvenzjoni biex jinkoraġġixxu l-prevenzjoni tat-taħsir dentali u l-promozzjoni tas-saħħa dentali, u b'hekk tiġi minimizzata l-ħtieġa għal restawr dentali bħala miżura addizzjonali biex jappoġġaw it-tneħħija gradwali tal-użu tal-amalgama dentali, u meta jitqiesu d-disponibbiltà u l-affordabbiltà ta', u t-tranżizzjoni attwali għal, alternattivi mingħajr merkurju f'bosta Stati Membri, huwa xieraq li jiġi pprojbit l-użu tal-amalgama dentali għat-trattament dentali fl-Unjoni, filwaqt li tinżamm il-possibbiltà li tintuża l-amalgama dentali għal pazjenti bi bżonnijiet mediċi speċifiċi meta jitqies strettament meħtieġ mill-prattikant dentali. ■***

⁴ Id-Deċizzjoni tal-Kunsill (UE) 2017/939 tal-11 ta' Mejju 2017 dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Konvenzjoni ta' Minamata dwar il-Merkurju (ĠU L 142, 2.6.2017, p. 4).

- (6) *Filwaqt li tirrispetta bis-sħiħ il-kompetenza tal-Istati Membri għall-organizzazzjoni u l-għoti ta' servizzi tas-saħħa u kura medika, sabiex jiġi limitat l-impatt soċjoekonomiku tal-eliminazzjoni gradwali tal-amalgama dentali b'mod partikolari fuq il-pazjenti b'introjtu baxx, l-Istati Membri fejn l-amalgama dentali huwa l-uniku materjal rimborżat pubblikament b'rata ta' mill-inqas 90 % skont il-liġi nazzjonali, u fejn tali rimborż għadu mhumiex possibbli għal alternattivi mingħajr merkurju mill-1 ta' Jannar 2025, jenħtieġ li permezz ta' deroga mir-rekwiżit previst f'dan ir-Regolament li l-amalgama dentali titneħħa gradwalment sa dik id-data, ikollhom aktar żmien biex isibu soluzzjonijiet xierqa biex jadattaw is-sistema tal-kura tas-saħħa tagħhom u għalhekk jenħtieġ li jitħallew ikollhom data ta' tneħħija gradwali aktar tard għall-amalgama dentali. It-tneħħija gradwali tal-amalgama dentali jenħtieġ li, meta jkun xieraq, tkun akkumpanjata minn taħriġ professjonali għad-dentisti bil-għan li jaġġustaw għal tekniki ġodda.*
- (7) *L-Istati Membri li jibbenefikaw mid-deroga għall-eliminazzjoni gradwali prevista f'dan ir-Regolament jenħtieġ li jkunu jistgħu jippermettu l-użu tal-amalgama dentali f'ċirkostanzi speċifiċi ħafna sat-30 ta' Ġunju 2026. Għaldaqstant, l-importazzjoni u l-manifattura tal-amalgama dentali jenħtieġ li jiġu pprojbiti biss mill-1 ta' Lulju 2026. Madankollu, mill-1 ta' Lulju 2026, l-importazzjoni u l-manifattura tal-amalgama dentali jenħtieġ li jkomplu jkunu possibbli biss jekk l-użu ta' tali amalgama ikun neċessarju biex jiġu koperti ħtiġijiet mediċi speċifiċi.*

- (8) *Sabiex tiġi vvalutata l-ħtieġa kontinwa għall-użu tal-amalgama dentali fir-rigward ta' ħtiġijiet mediċi speċifiċi, l-importaturi u l-manifatturi jenħtieġ li jinfurmaw lill-awtoritajiet kompetenti kull sena bil-kwantitajiet importati jew manifatturati għal tali ħtiġijiet mediċi speċifiċi. Barra minn hekk, sal-31 ta' Diċembru 2029, jenħtieġ li l-Kummissjoni tivvaluta jekk għadx huwiex neċessarju li tinżamm id-deroga għall-importazzjoni u l-manifattura tal-amalgama dentali użata għal pazjenti bi ħtiġijiet mediċi speċifiċi, filwaqt li titqies id-disponibbiltà ta' alternattivi mingħajr merkurju għall-gruppi ta' pazjenti rilevanti..*
- (9) *Il-krematorji huma sors sinifikanti tal-emissjonijiet ta' merkurju fl-atmosfera u, minkejja t-tneħħija gradwali tal-amalgama dentali previsti f'dan ir-Regolament, il-krematorji ser ikomplu jikkontribwixxu għat-tniġġis tal-merkurju fl-arja, fl-ilma u fil-ħamrija. Jeħtieġ li tiġi żviluppata gwida dwar it-teknoloġiji għat-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-merkurju u tal-komposti tal-merkurju mill-krematorji u li tinġabar informazzjoni dwar il-miżuri implimentati abbażi ta' dik il-gwida fl-Istati Membri, sabiex tinkiseb prevenzjoni xierqa tat-tniġġis u jittaffa l-impatt fuq is-saħħa tal-bniedem u fuq l-ambjent.*

- (10) L-użu illegali tal-merkurju u tal-komposti tal-merkurju fil-prodotti kożmetiċi jippersisti fil-livell globali. Il-ħames laqgħa tal-Konferenza tal-Partijiet għall-Konvenzjoni (“Konferenza tal-Partijiet”) għalhekk iddeċidiet fid-Deċiżjoni MC-5/5 li tiġbor informazzjoni mill-Partijiet għall-Konvenzjoni dwar l-isfidi li jiffaċċjaw fil-prevenzjoni tal-esportazzjoni, l-importazzjoni u l-manifattura tal-kożmetiċi elenkati fil-Parti I tal-Anness A tal-Konvenzjoni. Fid-dawl tal-effetti detrimental tal-merkurju u tal-komposti tal-merkurju fuq is-saħħa tal-bniedem u l-ambjent, l-esponiment u l-emissjonijiet jenħtieġ li jkomplu jiġu minimizzati kemm jista' jkun. Rapporti reċenti juru li kumpaniji li joperaw fl-Unjoni qed jimmanifatturaw u jesportaw komposti tal-merkurju li jirriżulta f' użu illegali tal-merkurju, b' mod partikolari fil-kożmetiċi. Għalhekk, jenħtieġ li l-Kummissjoni tirrapporta dwar l-iżviluppi skont il-Konvenzjoni fir-rigward tat-tneħħija gradwali tal-użu illegali tal-merkurju fil-prodotti kożmetiċi, filwaqt li tqis l-informazzjoni pprovduta mill-Partijiet għall-Konvenzjoni f'konformità mad-Deċiżjoni MC-5/5. Barra minn hekk, jenħtieġ li l-Kummissjoni tivvaluta l-użi li jifdal tal-merkurju u tal-komposti tal-merkurju, bħall-użu tiegħu fil-porosimetrija, il-fanali tal-portijiet u l-vaċċini, kif ukoll il-ħtieġa li tiġi estiża l-lista ta' sorsi kbar ta' skart, u, meta jkun xieraq, tissuġġerixxi miżuri biex dawn l-użi jitneħħew gradwalment u biex jiġu rregolati l-esportazzjoni, l-importazzjoni u l-manifattura tal-merkurju għal tali finijiet.

- (11) L-Istati Membri għandhom jiżguraw sistemi ta' għbir xierqa għall-prodotti miżjudin bil-merkurju fi skart mhux elettroniku u elettroniku u li jiġbru dawn il-prodotti separatament u b'mod li ma jaġġmilx ħsara lill-ambjent, skont id-Direttiva 2012/19/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁵.
- (12) L-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 2011/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁶ jipprojbixxi t-tqegħid fis-suq tal-Unjoni u l-importazzjoni fl-Unjoni ta' ċertu tagħmir elettriku u elettroniku li fih il-merkurju. L-Anness III ta' dik id-Direttiva jelenka, fost affarijiet oħrajn, ċerti lampi miżjudin bil-merkurju li huma eżentati minn dik il-projbizzjoni sad-dati speċifikati fih. Dik l-eżenzjoni skadiet fit-13 ta' April 2016 għal lampi mhux lineari tal-alofosfati, ■ fl-24 ta' Frar 2023 ■ għal ċerti lampi fluworexxenti kompatti, u fl-24 ta' Awwissu 2023 għal lampi fluworexxenti lineari għal skopijiet ta' tidwil ġenerali. Għal lampi fluworexxenti trifosforiċi mhux lineari, l-eżenzjoni tiskadi fl-24 ta' Frar 2025. L-eżenzjoni għall-biċċa l-kbira tal-lampi tas-sodju (gass) taħt pressjoni għolja għal skopijiet ta' tidwil ġenerali b'indiċi li għandhom indiċi tal-kulur imtejjeb li skadiet fl-24 ta' Frar 2023, filwaqt li għal lampi tas-sodju (gass) taħt pressjoni għolja għal skopijiet ta' tidwil ġenerali oħra li fadal, elenkati fl-entrata 4 tal-Anness III għad-Direttiva 2011/65/UE, l-eżenzjoni tiskadi fl-24 ta' Frar 2027.

⁵ ***Id-Direttiva 2012/19/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2012 dwar skart ta' tagħmir elettriku u elettroniku (WEEE) (riformulazzjoni) (ĠU L 197, 24.7.2012, p. 38).***

⁶ ***Id-Direttiva 2011/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2011 dwar ir-restrizzjoni tal-użu ta' ċerti sustanzi perikolużi fit-tagħmir elettriku u elettroniku (ĠU L 174, 1.7.2011, p. 88).***

(13) Barra minn hekk, ċerti lampi fluworexxenti lineari għal skopijiet ta' tidwil ġenerali ġew elenkati, bil-ħsieb li jiġu pprojbiti, fid-Deċiżjoni MC-4/3 adottata fir-raba' laqgħa tal-Konferenza tal-Partijiet li saret mill-21 sal-25 ta' Marzu 2022, u ġew stabbiliti dati ta' tneħħija gradwali għalihom fid-Deċiżjoni MC-5/4 adottata fil-ħames laqgħa tal-Konferenza tal-Partijiet, li saret mit-30 ta' Ottubru sat-3 ta' Novembru 2023. Dawk id-Deċiżjonijiet kienu appoġġati mill-Unjoni permezz tad-Deċiżjonijiet tal-Kunsill (UE) 2022/549⁷ u (UE) 2023/2417⁸.

⁷ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2022/549 tas-17 ta' Marzu 2022 dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fit-tieni segment tar-raba' laqgħa tal-Konferenza tal-Partijiet għall-Konvenzjoni ta' Minamata dwar il-Merkurju fir-rigward tal-adozzjoni ta' Deċiżjoni li temenda l-Annessi A u B ta' dik il-Konvenzjoni (ĠU L 107, 6.4.2022, p. 78).

⁸ ***Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2023/2417 tat-23 ta' Ottubru 2023 dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-ħames laqgħa tal-Konferenza tal-Partijiet għall-Konvenzjoni ta' Minamata dwar il-Merkurju fir-rigward tal-adozzjoni ta' deċiżjoni li temenda l-Annessi A u B ta' dik il-Konvenzjoni (ĠU L, 2023/2417, 6.11.2023, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dec/2023/2417/oj>).***

(14) Peress li huwa xieraq li tkun projbita mill-aktar fis possibbli l-esportazzjoni mill-Unjoni tal-lampi miżjudin bil-merkurju li fadal, u peress li xi wħud minn dawk il-lampi bħalissa ma humiex koperti mill-Parti A tal-Anness II tar-Regolament (UE) 2017/852, jenħtieġ li, għall-finijiet ta' konsistenza, jiġu inklużi fih biex tiġi pprojbita l-manifattura u l-esportazzjoni tagħhom mid-dati stabbiliti fl-Anness III tad-Direttiva 2011/65/UE u mhux aktar tard mid-dati l-aktar ambizzjużi inklużi fid-Deċiżjoni MC-4/3. Barra minn hekk, jistgħu jinkisbu kobenefiċċji sinifikanti bit-tneħħija gradwali tal-esportazzjoni ta' lampi miżjudin bil-merkurju mill-aktar fis possibbli, peress li l-alternattivi mingħajr merkurju huma aktar effiċjenti fl-użu tal-enerġija u għalhekk jipprevjenu r-rilaxx ta' tunnelli ta' emissjonijiet ta' CO₂.

(15) *Minħabba li l-objettivi ta' dan ir-Regolament ma jistgħux jinkisbu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri iżda jistgħu pjuttost, minħabba l-iskala u l-effetti tagħhom, jinkisbu aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, f'konformità mal-prinċipju ta' sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. F'konformità mal-prinċipju ta' proporzjonalità kif stabbilit f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jinkisbu dawk l-objettivi.*

(16) Għalhekk jenħtieġ li r-Regolament (UE) 2017/852 jiġi emendat skont dan,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament (UE) 2017/852 huwa emendat kif ġej:


(1) L-Artikolu 10 huwa emendat kif ġej:

(a) jiddaħħal il-paragrafu **■** li ġej:

"2a. Mill-1 ta' Jannar 2025, l-amalgama dentali ma għandhiex tintuża għat-trattament dentali ***fl-Unjoni***, ħlief meta titqies strettament meħtieġa mill-prattikant dentali abbażi tal-ħtiġijiet mediċi speċifiċi tal-pazjent.

B'rispett sħiħ tal-kompetenza tal-Istati Membri għall-organizzazzjoni u l-għoti ta' servizzi tas-saħħa u kura medika, u b'deroga mill-ewwel subparagrafu, fi Stati Membri fejn l-amalgama dentali hija l-uniku materjal rimborżat pubblikament b'rata ta' mill-inqas 90 % skont il-liġi nazzjonali għal pazjenti li mhumiex eliġibbli għal materjali rimborżati oħra ta' mili dentali u persuni b'introjtu baxx huma affettwati soċjoekonomikament b'mod sproporzjonat mid-data ta' tneħħija gradwali tal-1 ta' Jannar 2025, l-amalgama dentali tista' tintuża għall-kura dentali sat-30 ta' Ġunju 2026. L-Istati Membri għandhom jipprovdu, u jagħmlu disponibbli għall-pubbliku spjegazzjonijiet motivati għall-użu tad-deroga, inkluż il-miżuri xierqa li għandhom jiġu implimentati sat-30 ta' Ġunju 2026, u jinnotifikawhom lill-Kummissjoni sa ... [xahar mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament].";

(b) jinżdied il-paragrafu li ġej:

"7. Mill-1 ta' Jannar 2025, l- esportazzjoni tal-amalgama dentali għandha tkun ipprojbita.

Mill-1 ta' Lulju 2026, l-importazzjoni u l-manifattura tal-amalgama dentali għandhom ikunu pprojbiti.

B'deroga mit-tieni subparagrafu ta' dan il-paragrafu, l-importazzjoni u l-manifattura tal-amalgama dentali għandhom ikunu permessi għal ħtiġijiet mediċi speċifiċi kif msemmi fil-paragrafu 2a, l-ewwel subparagrafu.";

(2) *L-Artikolu 18 huwa emendat kif ġej:*

(a) *fil-paragrafu 1, l-ewwel subparagrafu, jiddaħħlu l-punti li ġejjin:*

“(f) sommarju tal-informazzjoni miġbura skont il-paragrafu 1a ta' dan l-Artikolu kif ukoll l-informazzjoni dwar l-ammonti ta' merkurju użati għal ħtiġijiet mediċi speċifiċi kif imsemmi fl-Artikolu 10(2a);

(g) informazzjoni dwar il-miżuri implimentati abbażi tal-gwida tal-Kummissjoni dwar teknoloġiji ta' tnaqqis għall-emissjonijiet tal-merkurju u tal-komposti tal-merkurju mill-krematorji msemmija fl-Artikolu 19(2a), il-punt (a).”;

(b) *jiddaħħal il-paragrafu li ġej:*

“1a. Sal-31 ta' Mejju ta' sena kalendarja partikolari, l-importaturi u l-manifatturi tal-amalgama dentali għandhom jirrapportaw lill-awtorità kompetenti tagħhom għas-sena kalendarja preċedenti l-ammont tal-amalgama dentali li huma importaw jew immanifatturaw skont l-Artikolu 10(7), it-tielet subparagrafu.”;

(3) *L-Artikolu 19 huwa emendat kif ġej:*

(a) *fil-paragrafu 2, id-data "31 ta' Diċembru 2024" hija sostitwita bi "31 ta' Diċembru 2029";*

(b) *jiddaħħal il-paragrafu li ġej:*

"2a. Sal-31 ta' Diċembru 2029, il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar:

(a) *l-implimentazzjoni u l-impatt tal-gwida, żviluppata mill-Kummissjoni sal-31 ta' Diċembru 2025, dwar it-teknoloġiji għat-tnaqqis għall-emissjonijiet tal-merkurju u tal-komposti tal-merkurju mill-krematorji applikati fl-Istati Membri;*

- (b) *il-ħtieġa li tinżamm l-eżenzjoni mill-projbizzjoni fuq l-użu tal-amalgama dentali msemmija fl-Artikolu 10(2a), l-ewwel subparagrafu, filwaqt li jitqies l-impatt fuq is-saħħa tal-pazjenti b'mod ġenerali u tal-pazjenti dipendenti fuq il-mili tal-amalgama, u l-ħtieġa li tinżamm id-deroga għall-importazzjoni u l-manifattura tal-amalgama dentali kif imsemmi fl-Artikolu 10(7), it-tielet subparagrafu;*
- (c) *l-iżviluppi skont il-Konvenzjoni fir-rigward tat-tneħħija gradwali tal-użu illegali tal-merkurju fil-kożmetiċi, filwaqt li tqis l-informazzjoni pprovduta mill-Partijiet għall-Konvenzjoni f'konformità mad-Deċiżjoni MC-5/5 tal-Konferenza tal-Partijiet dwar it-tħejjija ta' rapport dwar il-kożmetiċi;*
- (d) *il-ħtieġa li jitneħħew gradwalment l-użi tal-merkurju li fadal;*

(e) il-ħtieġa li tiġi estiża l-lista tas-sorsi ta' skart tal-merkurju stabbilita fl-Artikolu 11;

(f) il-ħtieġa li tiġi estiża l-lista ta' komposti tal-merkurju stabbilita fl-Anness I, billi jiżdied, pereżempju, l-klorur ażanid tal-merkurju (HgNH₂Cl).";

(c) il-paragrafu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"3. Il-Kummissjoni għandha, jekk ikun xieraq, tippreżenta proposta leġiżlattiva flimkien mar-rapporti tagħha msemmija f'dan l-Artikolu.";

(4) L-Anness II huwa emendat f'konformità mal-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi...

Għall-Parlament Ewropew
Il-President

Għall-Kunsill
Il-President

ANNEX

Il-Parti A tal-Anness II hija emendata kif ġej:

(1) tiddaħħal l-entrata li ġejja:

Prodotti miżjudin bil-merkurju	Data li minnha l-esportazzjoni, l-importazzjoni u l-manifattura tal-prodotti miżjudin bil-merkurju huma pprojbti
"3b. Il-lampi fluworexxenti kompatti (CLFs) l-oħra kollha għal skopijiet ta' tidwil ġenerali li mhumiex inklużi fl-entrati 3 u 3a	31.12.2025";

(2) jiddaħħlu l-entrati li ġejjin:

Prodotti miżjudin bil-merkurju	Data li minnha l-esportazzjoni, l-importazzjoni u l-manifattura tal-prodotti miżjudin bil-merkurju huma pprojbiti
"4a. Lampi trifosforiċi għal skopijiet ta' tidwil ġenerali li mhumiex inklużi fl-entrata 4, il-punt (a).	31.12.2026
4b. Lampi tal-fosfori alofosfati għal skopijiet ta' tidwil ġenerali li mhumiex inklużi fl-entrata 4, il-punt (b).	31.12.2025
4c. Lampi mhux lineari trifosforiċi.	31.12.2026
4d. Lampi mhux lineari tal-fosfori alofosfati.	31.12.2025";

(3) tiddaħħal l-entrata li ġejja:

Prodotti miżjudin bil-merkurju	Data li minnha l-esportazzjoni, l-importazzjoni u l-manifattura tal-prodotti miżjudin bil-merkurju huma pprojbti
<p>“5a. Lampi tas-sodju (gass) ■ taħt pressjoni għolja (HPS) għal skopijiet ta' tidwil ġenerali <i>li għandhom</i>:</p> <p>(a) $P \leq 105 W$ b'aktar minn 16 mg Hg;</p> <p>(b) $105 W < P \leq 155 W$ b'aktar minn 20 mg Hg;</p> <p>(c) $P > 155 W$ b'aktar minn 25 mg Hg.</p>	31.12.2025”.